



Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar
id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

***Europe Direct hu servizz li jgħinek issib it-tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

**In-numru tal-linja tat-telefon b'xejn:
00 800 6 7 8 9 10 11**

L-informazzjoni dwar l-*European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction* (EMCDDA) tista' ssibha f'<http://www.emcdda.eu.int>

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea tista' tinkiseb mill-Internet.
Tista' taċċessaha mis-server Europa f'<http://europa.eu.int>

Fi tmiem din il-pubblikazzjoni tista' ssib informazzjoni dwar katalogar.

ISBN 92-9168-191-1

© Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, 2004
Ir-riproduzzjoni ta' dan il-fuljett hi awtorizzata basta li s-sors jingħata r-rikonoxximent.

Printed in Belgium

Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (EMCDDA) hu l-punt ta' riferenza għall-informazzjoni dwar id-droga fl-Unjoni Ewropea. Iċ-Ċentru twaqqaf fl-1993 f'Lisbona bl-iskop li jipprovdi informazzjoni li tista' torbot fuqha u li tista' tkun ipparagunata bejn Stat u ieħor fi ħdan l-UE. Dan hu ċentru ieħor deċentralizzat ta' l-UE.

L-informazzjoni dwar id-droga, ibbażata fuq il-provi hi waħda mill-għodod l-aktar bżonjużi għad-dispożizzjoni tagħna illum biex tista' tkun indirizzata din l-isfida globali. Iċ-Ċentru joffri informazzjoni ta' dan it-tip fi ħdan l-UE u dan jgħin lil min imexxi u jfassal il-politika, riċerkaturi kif ukoll speċjalisti fil-qasam biex jifhmu aħjar in-natura ta' din il-problema u għalhekk jistgħu jirrikorru għar-rimedji neċessarji.

Fil-qalba tax-xogħol taċ-Ċentru huma l-isforzi sabiex titjeb il-komparabilità ta' informazzjoni dwar id-droga fl-Ewropa u sabiex ikunu maħsuba l-metodi u l-għajjnuniet meħtieġa sabiex dan jintlaħaq. Bħala riżultat ta' sforzi sa illum, pajjiżi issa jistgħu jaraw il-pożizzjoni tagħhom fl-istampa usa' ta' l-Ewropa u jeżaminaw problemi u miri komuni.

Fattur ewlieni tal-fenomenu tad-droga hu n-natura dinamika u l-ispostament tagħha filwaqt li t-tfittxija għal żviluppi ġodda hi l-qofol tax-xogħol tal-EMCDDA. Matul l-ewwel 10 snin (1993–2003) tiegħu, iċ-Ċentru rreġistra tibdil kemm fin-natura tal-problema tad-droga kif ukoll fil-mod kif ġiet indirizzata mill-Istati diversi u l-politika tagħhom. Filwaqt li l-aġenzja identifikat id-differenzi ewlenin matul dan il-perjodu, kienet ukoll xhieda ta' mudelli u stili komuni.

L-istampa ċara u aġġornata ta' dan il-kwadru dejjem jinbidel tat sura lill-attivitajiet ta' l-aġenzja fi ħdan il-programm ta' ħidma tagħha bejn is-sena 2004–2006. Minkejja li sar u nkiseb ħafna fil-qasam, għad fadal ħafna xi jsir biex l-istrumenti ta' monitoraġġ jipperfezzjonaw u tkun żviluppata verament 'lingwa komuni' li tiddekrivi dan il-fenomenu Ewropew u globali.

Korpi statutorji

Il-korp ewlieni li jieħu d-deċiżjonijiet fi ħdan l-EMCDDA hu magħruf bħala l-Bord Amministrattiv li hu magħmul minn rappreżentant minn kull stat membru fl-UE; żewġ rappreżentanti mill-kummissjoni Ewropea; żewġ persuni bi kwalifiki għolja fil-qasam tad-droga magħżula mill-Parlament Ewropew u numru ta' membri osservaturi li jinkludu n-Norveġja u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Din l-assemblya ta' rappreżentanti nazzjonali tiggarrantixxi li l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu rrapreżentati kollha fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-EMCDDA. Il-President u l-Viċi President huma eletti b'mandat ta' tliet snin.

L-integrità xjentifika tal-EMCDDA hi salvagwardjata mill-Kumitat Xjentifiku tagħha li joffri pariri formali kif ukoll għajjnuna dwar il-materji xjentifiċi li d-Direttur jew il-Bord Amministrattiv jistgħu jissottomettu fih. Il-President u l-Viċi President ukoll huma eletti b'mandat ta' tliet snin.

Il-qalba tax-xogħol

Id-definizzjoni tal-missjoni ta' l-EMCDDA tistabbilixxi l-erba' kompiti prinċipali ta' l-aġenzija:

- il-ġbir u l-analiżi ta' data eżistenti;
- it-titjib ta' metodi ta' pparagunar ta' data;
- it-tixrid ta' data u informazzjoni; u
- il-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' l-UE, imsieħba internazzjonali u ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE.

L-informazzjoni miġbura, analizzata u mifruxa ta' l-EMCDDA tiffoka fuq:

- id-domanda u t-tnaqqis tad-domanda għad-droga;
- strateġiji u politiki nazzjonali u ta' l-UE;
- il-kooperazzjoni internazzjonali u l-ġeopolitiki tal-fornitura;
- il-kontroll tal-kummerċ fi drogi narkotiċi, sustanzi psikotropiċi u prekursori; u
- implikazzjonijiet tal-fenomeni tad-droga għal pajjiżi produttori, konsumaturi u ta' transitu.

Gruppi ta' xogħol

Ix-xogħol ta' l-EMCDDA hu strutturat madwar erba' gruppi ewlennin bi program li jiffoka fuq:

- il-monitoraġġ u l-analiżi tal-qagħda tad-droga;
- il-monitoraġġ u l-analiżi għar-tweġibiet tal-qagħda tad-droga;
- il-monitoraġġ u l-eżaminazzjoni ta' drogi sintetiċi ġodda; u
- il-monitoraġġ u l-analiżi ta' strateġiji u regolamenti nazzjonali u dawk fi ħdan l-UE ukoll l-impatt tagħhom fuq il-qagħda tad-droga.

Attivitajiet f'dawn l-oqsma huma appoġġjati u promossi minn dawn il-programmi awżiljarji:

- koordinazzjoni Reitox;
- komunikazzjoni u tixrid tagħha;
- teknoloġija ta' l-informatika; u
- servizzi ta' appoġġ.

Programm ta' ħidma 2004–2006

Il-programm ta' ħidma tal-EMCDDA għas-snin 2004–2006 hu marbut ma' l-innovazzjoni politika u l-bidla u hu kkaratterizzat mit-tkabbir ta' l-UE u l-istrateġija ta' l-UE u l-pjan ta' azzjoni dwar id-droga.

L-attività ewlenija fi ħdan il-programm ta' tliet snin hi:

- il-monitoraġġ u l-analiżi ta' l-informazzjoni u t-tijib tal-kwalità ta' l-informazzjoni;
- it-tfittix u s-sintesizzar ta' żviluppi ġodda; u
- l-obbligu li jsiru l-analiżi xjentifiċi li jkunu konformi ma' stili u interessi politiċi dejjem ħerġin.

Mira oħra kbira ta' dan il-programm hi li tkun stabbilita sistema komprensiva li taħżen u tiegħu informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar id-droga. Din is-sistema hi ddisinjata b'mod li żżomm bażi ta' informazzjoni u għerf dwar il-problemi tad-droga biex iċ-Ċentru jkun is-sors ewlieni ta' informazzjoni ta' min jorbot fuqha għall-pajjiżi kollha membri fl-UE.

Il-ħidma fil-verżjoni sħiħa tal-programm ta' ħidma tinsab f'<http://www.emcdda.eu.int>



Il-qagħda tad-droga

Flieġa kritika u effettiva hi li wieħed jifhem l-iskala u n-natura tal-problema tad-droga biex tkun tista' titfassal politika u tittieħed azzjoni. Il-monitoraġġ u l-analiżi tal-qagħda tal-problema tad-droga fl-UE huma żgur żewġ attivitajiet fuq quddimnett tal-ħidma ta' l-EMCDDA.

Il-ġbir ta' informazzjoni ta' min jorbot fuqha u li tista' tkun ipparagunata kif ukoll aġġornata dwar l-użu tad-droga u l-konsegwenzi tagħha huma sfida Prattika u metodoloġika. L-EMCDDA għalhekk jaħdem fi sħubija ma' l-esperti nazzjonali biex tkun żviluppata infrastruttura bl-għodod tekniċi neċessarji kollha sabiex l-informazzjoni tinġabar l-istess minn kullimkien. Dawn l-istrumenti joffru 'lingwa komuni' lill-pajjiżi li biha jistgħu jinterpretaw u jipparagunaw in-natura tal-problema komuni tagħhom. Jgħinu wkoll biex dawk li jfasslu l-politika madwar l-UE jkunu jistgħu jidentifikaw temi ewlenin, jieħdu azzjoni u jeżaminaw l-impatt tax-xogħol tagħhom.

Il-prioritajiet fi ħdan il-programm 2004–2006 jinkludi: it-titjib tal-kwalita' ta' l-informazzjoni permezz ta' l-indikaturi ewlenin; il-konsolidament tal-ġbir ta' informazzjoni u strateġiji; l-użu sħiħ tal-potenzjal analitiku ta' l-informazzjoni li jkun inġabar mill-EMCDDA u s-sħab tiegħu.

Indikaturi ewlenin

Fil-qalba tas-sistema ta' informazzjoni ta' l-EMCDDA hemm tliet indikaturi armionizzati epidemijoloġikament ewlenin: għodda stabbilita għall-ġbir ta' l-informazzjoni li tista' tkun ipparagunata dwar id-droga.

Dawn ikopru:

- prevalenza u metodi ta' użu tad-droga fost il-poplu in ġenerali;
- prevalenza u metodi tal-problema bl-użu tad-droga;
- mard li jittieħed ikkawżat mill-użu tad-droga;
- imwiet ikkawżati mill-użu tad-droga u r-rata ta' mortalità fost dawk li jużawha; u
- domanda għat-trattament mid-droga.

Permezz ta' dawn l-indikaturi, l-aġenzija qed tiggwadanja aktar għerf dwar il-problema tad-droga fl-Ewropa u qed tiġġenera evidenza ċara biex jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet.

Tikber il-bażi ta' għerf

L-EMCDDA qed tifrex il-bażi ta' informazzjoni tagħha billi tiżviluppa l-istrateġiji ġodda ta' kif tiġbor l-informazzjoni f'oqsma li għandhom x'jaqsmu mar-regolamenti. F'uħud minn dawn l-oqsma, l-informazzjoni li teżisti hi diġa' sostanzjali, filwaqt li f'oħrajn tvarja skond l-istadju ta' l-iżvilupp tal-proġett.

Oqsma koperti jinkludu:

- kriminalità li għandha x'taqsam mad-droga;
- swieq tad-droga u l-aċċess għaliha;
- iż-żgħażaġh u l-vulnerabilità;
- l-esklużjoni soċjali minħabba d-droga; u
- il-metodi ta' l-użu u l-istili ġodda tad-droga.

L-aġenzija tistudja wkoll ir-rapporti ta' riċerka xjentifika fuq dawn is-suġġetti biex tikkomplimenta u tikkontestwalizza l-informazzjoni tagħha.

Analiżi, eżaminazzjoni u tbassir

Li tipprovdi bażi ta' evidenza aġġoranta, metodoloġika u analiżi relevanti għat-tfassil ta' politika dwar il-qagħda tad-droga hi l-qalba tal-motivazzjoni fil-ġbir ta' l-informazzjoni. Dan-sabiex ikun żgurat il-valur massimu minn dak li jirriżulta mir-riċerka u għalhekk l-EMCDDA tagħmel l-analiżi profondi tagħha biex tipprovdi aktar tagħrif dwar oqsma ta' regolamenti ewlenin.

L-analiżi tkopri:

- ir-riżultat ta' l-istili ġodda f'dak li hu konsum tad-droga, l-impatt u l-konsegwenzi;
- l-iskala ta' l-użu tad-droga u l-livell ta' problemi assoċjati magħha;
- ir-relazzjoni bejn il-mudell ta' l-użu u l-konsegwenzi;
- fatturi ta' riskju u jew fatturi ta' protezzjoni, fatturi individwali u soċjali, is-suq u temi ekonomiċi; u
- metodi epidemjoloġiċi għal għarfien aħjar ta' l-effetti dwar interventi u fatturi oħra, li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjoni tad-droga.

Tweġibiet

Għal dawk li jfasslu l-politika hu kruċjali li jkunu jafu liema interventi huma effettivi biex ikunu trattati sitwazzjonijiet speċifiċi rrelatati mad-droga u dan sabiex ikunu jistgħu jiġu ddisinjati strateġiji li jkunu suċċess. Għalhekk il-monitoraġġ u l-analiżi tal-problema tad-droga huma l-ħidma ewlenija tal-EMCDDA.

Waħda mill-isfidi ewlenin ta' l-aġenzija hi li tipprowdi aċċess għall-informazzjoni bbażata fuq l-evidenza aġġornata u ta' min jorbot fuqha fid-dawl ta' l-isferi ta' saħħa, edukattivi, soċjali u ġustizzja kriminali. L-Ċentru jgħin ukoll biex juża l-informazzjoni u jipromwovi l-għerf xjentifiku bir-reazzjonijiet ikunu l-bażi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-politika u l-prattiċi.

Il-prijoritajiet fi ħdan il-programm 2004–2006 jinkludu: l-istili ta' analiżi u l-iżviluppi ġodda fil-qasam tar-reazzjonijiet; l-iżvilupp aktar strutturat fit-teknika ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni; u l-provvediment ta' eżempji kemm ta' l-aħjar Prattiċi kif ukoll l-għodod maniġerjali ta' kwalità.

Oqsma ewlenin

L-EMCDDA jissorvelja u janalizza l-aċċessibilità u l-kwalità tar-reazzjonijiet fl-oqsma tal-prevenzjoni tad-droga, it-trattament, ir-rijabilitazzjoni soċjali u t-tnaqqis tal-ħsara. Ikkopri wkoll ir-reazzjonijiet aċċessibbli għal dawk li jużaw id-droga u l-ġustizzja kriminali.

Speċifikament, jesplora interventi li:

- jħarsu lit-tfal u ż-żgħirażagħ milli jibdew jużaw id-droga;
- jħarsu t-transizzjoni mill-esperimentali għall-użu bi problema;
- jħarsu u jnaqqsu l-ħsara lis-saħħa u l-imwiet ta' dawk li jużaw id-droga;
- jassistu lil dawk li jiksru l-liġi minħabba d-droga kemm ġewwa kif ukoll barra l-ħabs;
- jitrattaw il-problema tad-droga u d-dipendenza minnha;
- jintegraw soċjalment lil dawk li jużaw id-droga; u
- ma jħallux li jsir ħasil ta' flus u tidwir ta' precursors.

Għodod u strumenti ta' l-informazzjoni

Il-programmi ta' ħidma ta' l-EMCDDA li jippromwovu l-aħjar prattiċi u evalwazzjoni b'reazzjoni għall-problema tad-droga jirċievu attenzjoni speċjali.

L-għodda ta' prattika l-aktar speċifika għall-ġbir ta' informazzjoni taċ-Ċentru hi dik imsejġha Azzjoni ta' Tibdil dwar it-Tnaqqis tad-Domanda għad-Droga (*Exchange on Drug Demand Reduction — EDDRA*). Din l-informazzjoni f'diversi lingwi tinsab fuq l-internet fejn hemm provduta sistema bid-dettalji dwar għażla varjata ta' programmi ta' prevenzjoni evalwata, trattament u tnaqqis mill-ħsara provduti mill-UE filwaqt li ssir promozzjoni dwar il-bdil ta' esperjenza professjonali.

L-evalwazzjoni tas-servizz hi ffaċilitata permezz tal-Bank għall-Apparat ta' Evalwazzjoni (*Evaluation Instruments Bank — EIB*). Dan id-dokument f'diversi lingwi li qiegħed ukoll fuq l-internet hu arkivju ta' metodi u għodod użat minn *stakeholders* biex ikunu jistgħu jeżaminaw il-programmi tagħhom.

L-aġenzija tippubblika wkoll linji gwida kemm fuq l-internet kif ukoll f'forma ta' pubblikazzjonijiet stampati biex jgħinu fil-promozzjoni ta' proġetti sistematiċi, ta' ippjanar, monitoraġġ u evalwazzjoni.

Analiżi, l-aħjar prattiċi u kwalità

L-EMCDDA janalizza u jinterpreta varjetà kbira ta' reazzjonijiet fil-qasam tad-droga bl-iskop li dawk li jfasslu l-politika u l-professjonisti jkunu jistgħu jittrattaw mal-problema b'mod aktar effettiv.

L-aġenzija tifrex ukoll l-informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi u l-kwalità garantita li jkunu arkivjati permezz ta' ippjanar bil-għaqal, implimentazzjoni sistematika, monitoraġġ adegwat u evalwazzjoni ċara ta' l-għerf xjentifiku.

Permezz ta' dawn l-attivitajiet, l-aġenzija tittama li: tikkontribwixxi għal skambju produttiv u ta' benefiċċju għal-Istati kollha Ewropej ta' għarfien; iż-żieda ta' informazzjoni dwar reazzjonijiet dwar għażliet pożittivi; u l-provvediment ta' linji gwida dwar l-aħjar użu tar-riżorsi u l-ħiliet.

Monitoraġġ

Id-drogi sintetiċi ġodda jistgħu joħolqu problemi sinjifikanti ta' riskju għas-saħħa u problemi ta' sigurtà b'mod partikolari fost iż-żgħażaġħ. L-EMCDDA għandu sehem kbir f'dak li hu tiftix u eżaminazzjoni ta' dawn id-drogi fl-Unjoni Ewropea taħt it-terminu ta' l-azzjoni komuni adottata mill-Kunsill ta' l-UE fl-1977 (').

L-azzjoni komuni, dwar l-iskmabju ta' l-informazzjoni, l-eżaminazzjoni tar-riskju u l-kontroll tad-drogi ġodda sintetiċi:

- tistabbilixxi sistema li tavża minn kmieni biex ikunu identifikati d-drogi ġodda sintetiċi eżatt malli jitfaċċaw fl-UE u l-Istati Membri tagħha;
- jinkorpora mekkaniżmu biex jeżamina r-riskji soċjali u tas-saħħa; u
- li jforni proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li permezz tiegħu dawn il-prodotti jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' l-Istati Membri kollha ta' l-UE.

Twissija kmieni

Is-sistema ta' twissija kmieni dwar drogi sintetiċi ġodda tikkostitwixxi l-ewwel fażi ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni konġunta.

Malli tinstab droga sintetika ġdida fis-suq Ewropew, tintbagħat informazzjoni dwar il-produzzjoni, it-traffikar u l-użu tagħha mill-Istati Membri ta' l-UE lill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u lill-EMCDDA, permezz ta' entitajiet nazzjonali ta' l-Europol u l-punti fokali nazzjonali ta' Reitox.

Din l-informazzjoni mbagħad tiġi sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali (EMA) ibbażata f'Londra għall-informazzjoni tagħha.

Fl-aħħarnett jitfassal rapport konġunt EMCDDA-Europol u jiġi ppreżentat lill-Kunsill ta' l-UE fejn tkun tista' tittieħed deċiżjoni sabiex tinbeda proċedura biex isir magħruf ir-riskju.

Stima tar-riskju

Fuq it-talba ta' mill-inqas Stat Membru wieħed ta' l-UE jew tal-Kummissjoni Ewropea, isiru attivitajiet biex ikun ikkalkulat ir-riskju.

Il-Kumitat Xjentifiku EMCDDA — li jkun jinkludi ukoll aktar esperti nominati mill-Istati Membri ta' l-UE, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Europol u mill-EMA — jistma r-riskji possibbli tad-droga sintetika ġdida identifikata u l-implikazzjonijiet biex tkun kikkontrollata.

Ir-rapport ta' stima tar-riskju, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati, ikun ippreżentat lill-Kunsill ta' l-UE u lill-Kummissjoni Ewropea għall-konsiderazzjoni tal-fażi li jkun imiss.

Drogi sintetiċi li għaddew proċeduri ta' stima tar-riskju jinkludu: MBDB, 4-MTA, GHB, ketamine, PMMA, 2C-I, 2C-T-2, 2C-T-7 u TMA-2.

It-Teħid ta' deċiżjonijiet

Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq ir-rapporti ta' l-istima tar-riskju, u jew ta' Stat Membru, il-Kunsill ta' l-UE jista' unanimament jadotta deċiżjoni li tiddefinixxi d-droga sintetika li għandha titqiegħed taħt miżuri ta' kontroll u l-penalitajiet kriminali fl-Istati Membri kollha ta' l-UE.

Waqt li l-azzjoni konġunta tipprovdi lill-UE b'mekkaniżmu flessibbli u mgħaġġel sabiex jiġu indirizzati drogi sintetiċi ġodda, ma żżommx lil Stati Membri inidividwali milli jintroduċu miżuri nazzjonali ta' kontroll li huma jikkunsidraw bħala addattati għalihom meta tinstab sustanza ġdida.

L-azzjoni konġunta tkun dwar dawg id-drogi sintetiċi ġodda li ma jkunux imniżza fl-Iskedi għall-Konvenzjoni tan-NU 1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi.

(¹) Wara evalwazzjoni esterna, il-Kummissjoni Ewropea ħejjiet inizjattiva legali għat-tishiġ tal-qasam ta' applikazzjoni u tat-tweġiq ta' dan il-mekkaniżmu.



Strateġiji u regolamenti nazzjonali u dawk fi ħdan I-UE

Tul is-snin, l-EMCDDA żviluppa rwol li jservi ta' pont bejn ix-xjenza, il-prattika u l-politika. Il-monitoraġġ u l-analiżi nazzjonali u ta' l-UE ta' strateġiji u regolamenti dwar id-droga, u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tad-droga, huma għalhekk aspetti fundamentali tax-xogħol tiegħu.

F'dan il-qasam, l-aġenzija teżamina l-kwadri legali, istituzzjonali u finanzjarji eżistenti, f'livell nazzjonali u ta' l-UE, sabiex tindirizza l-problema tad-droga. Tinforma fil-qosor ukoll lil dawk responsabbli mid-deċiżjonijiet, permezz ta' studji u analiżi magħgħuna flimkien dwar kwistjonijiet ta' interess topiku.

Il-prijoritajiet fi ħdan il-programm 2004–2006 jinkludi: l-iżvilupp ta' għajnuniet għall-monitoraġġ tal-politika tad-droga; it-titjib ta' analiżi legali u tal-politika; u l-kontribuzzjoni għall-valutazzjoni ta' strateġiji u pjan ta' azzjoni ta' l-UE dwar id-droga.

Il-leġislazzjoni dwar id-droga

L-EMCDDA jiġbor informazzjoni deskrittiva dwar leġislazzjonijiet nazzjonali u ta' l-UE dwar id-droga. Għajnuna indispensabbli għall-monitoraġġ u l-analiżi ta' din l-informazzjoni f'livell nazzjonali u ta' l-UE hija d-Database Legali Ewropea dwar id-Droga (*European Legal Database on Drugs* — ELDD) ta' l-aġenzija.

L-EMCDDA jipprovdi arkivju pubbliku mingħajr ħlas fuq is-sit tiegħu fuq l-internet. Dan l-arkivju jipprovdi informazzjoni dwar leġislazzjoni marbuta mad-droga fl-UE, fin-Norveġja u fil-pajjiżi kandidati. Jipprovdi wkoll aċċess għal testi legali oriġinali u għal profili tal-pajjiż dwar il-qagħda legali u xejriet riċenti.

Ikunu ippreżentati wkoll studji iktar dettaljati ta' liġijiet tad-droga li jkopru suġġetti speċifiċi ta' rilevanza xjentifika u politika.

Strategġiji u pjani ta' azzjoni

Strategġiji u pjani ta' azzjoni nazzjonali kif ukoll mekkaniżmi nazzjonali ta' koordinazzjoni, qed jitqiesu essenzjali iktar minn qabel biex tkun iffaċċjata l-problema tad-droga. L-EMCDDA jagħmel monitoraġġ mill-qrib u jfhejji studji li jistgħu jitqabblu ma' oħrajn li jkunu jinkludu: miri; arranġamenti ta' koordinazzjoni; valutazzjoni; informazzjoni dwar id-droga; u implimentazzjoni ta' politika.

L-EMCDDA jgħin ukoll biex isir monitoraġġ fuq strategġiji u pjani ta' azzjoni Ewropej u l-progress tagħhom, billi jipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea b' assistenza teknika importanti fl-iżvilupp ta' kwadri għall-valutazzjoni.

Waħda mill-kontributori ewlenin ta' l-aġenzija għal dan il-proċess ta' valutazzjoni hi l-provvista ta' linja bażi ta' informazzjoni jew *snapshot*, li joffri viżjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tad-droga u tal-miżuri ta' politika fis-seħħ fil-bidu ta' pjan ta' azzjoni partikolari. Dan huwa pparagunat ma' *snapshot* simili fl-aħħar tal-pjan, li jgħin biex jinstabu xejriet u żviluppi.

Studji ta' politika

L-informazzjoni u l-analiżi huma kruċjali għas-suċċess ta' strategġiji u politika dwar droga. L-EMCDDA għalhekk jimmira biex jikkontestwalizza u jinterpreta xejriet u żviluppi osservati permezz ta' studji analitiċi ta' politika.

Dawn ikopru firxa wiesgħa ta' suġġetti inklużi: aspetti topiċi ta' liġi dwar id-droga; infieq pubbliku; strategġiji dwar id-droga u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni; u strumenti ta' l-UE dwar id-droga.

Permezz ta' dawn l-istudji, l-EMCDDA joffri stampa ġenerali u aġġornata kif ukoll paraguni bejn kwistjonijiet ta' politika dwar id-droga bejn pajjiż u ieħor, bl-iskop li jagħti kontribut ta' benefiċċju għal proċessi ta' valutazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet.

Reitox

L-EMCDDA ma kienx ikun komplut mingħajr Reitox, in-network Ewropew ta' informazzjoni dwar id-droga u d-dipendenza minnha. Dan il-mekkaniżmu żviluppat ħafna, jiġbor u jagħmel skambju ta' informazzjoni dwar id-droga fl-Ewropa u jinkludi punti speċjalizzati dwar id-droga fl-Istati Membri ta' l-UE, fin-Norveġja, fil-pajjiżi kandidati u fil-Kummissjoni Ewropea. Reitox jifforma s-sinsla tax-xogħol taċ-Ċentru.

L-EMCDDA u l-Istati Membri tiegħu — permezz ta' rappreżentazzjoni fil-Bord Amministrattiv u l-Kumitat Xjentifiku — jiffaċilitaw proċessi tax-xogħol ta' Reitox u huma responsabbli għall-assigurazzjoni ta' kwalità fil-prodotti u l-produzzjonijiet tan-*network*.

Il-prijoritajiet fi ħdan il-programm 2004–2006 jinkludu: il-konsolidazzjoni u t-titjib ta' proċessi tal-kwalità ta' l-informazzjoni u ta' rappurtar ta' Reitox; u spinta għat-*tkattir* tal-kapaċità fl-UE mkabbra.

Punti fokali

Il-punti fokali nazzjonali ta' Reitox huma li jkun hemm għaqda ta' informazzjoni bejn l-EMCDDA u l-Istati Membri tiegħu u f'dan is-sens jiżvolġi rwol doppju. Min-naħa waħda, taħt ir-responsabbiltà tal-gvernijiet tagħhom, hemm awtorità nazzjonali li tipprovdi informazzjoni dwar id-droga lill-aġenzija, u min-naħa l-oħra, taħt il-gwida ta' l-EMCDDA, hemm 'ambaxxaturi' li jirrapreżentaw u jipromwovu r-Reitox fid-dar.

Hekk kif l-EMCDDA jiddependi fuq il-punti fokali bħala font ta' informazzjoni u esperjenza, hekk ukoll huma jiddependu fuq *in-networks* nazzjonali ta' entitajiet ta' monitoraġġ dwar id-droga għall-kisba ta' aktar informazzjoni u esperjenza.

Prodotti u rappurtaġġ

Il-punti fokali jissottomettu lill-EMCDDA — għal analiżi ta' livell ta' l-UE — statistiċi regolari, informazzjoni kwalitattiva u rapporti nazzjonali annwali dwar ix-xejriet ewlenin tad-droga u l-iżviluppi fil-pajjiżi rispettivi. Huma jxerrdu wkoll informazzjoni dwar droga fl-Ewropa f'livelli nazzjonali.

Il-proċessi ta' rappurtaġġ u l-istrutturi ta' Reitox jippermettu dejjem iżjed il-punti fokali li jagħtu informazzjoni nazzjonali elettronikament fis-sistema ta' ħażna u rkuprar ta' informazzjoni ta' l-EMCDDA.

Il-kwalità ta' l-informazzjoni hi assicurata l-iktar bl-użu ta' linji gwida u għajnuniet għall-ġbir ta' l-informazzjoni miftiehma b'konsensus. L-EMCDDA jistma l-kwalità ta' l-informazzjoni kollha li tidħol min-*network* u jiddiskuti r-riżultati individwalment.

It-Tkattir tal-kapaċità

Livelli ta' esperjenza f'ċerti oqsma relatati mad-droga jistgħu jvarjaw ħafna minn pajjiż għal ieħor. Eżerċizzji għat-tkattir ta' kapaċità, bħal korsijiet ta' taħriġ u skambji, huma għalhekk integrati fi programmi Reitox. Dawn jippermettu punti fokali inqas speċjalizzati f'qasam partikolari sabiex jirrikorru għall-kompetenza ta' msieħba b'iktar esperjenza. Gruppi tax-xogħol ta' punti fokali b'esperjenza f'qasam speċifiku joperaw ukoll biex jikkreaw indikaturi ġodda, settijiet tad-data prinċipali u sferi ġodda tax-xogħol.

Immaniġġjar tan-*network*

Bħala koordinatur tan-*network*, l-EMCDDA jorganizza laqgħat regolari tal-kapijiet tal-punti fokali ewlenin għal ippjanar bil-quddiem, skambju ta' opinjonijiet u diskussjoni ta' żviluppi b'temi partikolari. Hemm komunikazzjoni ta' kuljum bejn l-EMCDDA u l-punti fokali ewlenin li hi ffaċilitata permezz ta' Reitox extranet, sit fuq l-internet restritt għall-iskambju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni bejn l-imsieħba tan-*network*.

Servizz ta' livell għoli ta' informazzjoni

L-EMCDDA jaħdem biex jipprovdi l-UE u l-Istati Membri tagħha b'servizz ta' informazzjoni ta' kwalità għolja dwar id-droga u d-dipendenza minnha fl-Ewropa. Il-komunikazzjoni u t-tixrid huma għalhekk fil-qalba ta' l-attività tagħha.

L-informazzjoni prodotta miċ-Ċentru hi maħsuba għall-ħtiġiet ta' udjenzi varji u tinkludi:

- lil dawk responsabbli mid-deċiżjonijiet u l-konsulenti tagħhom;
- tobba u professjonisti fil-qasam tad-droga; u
- riċerkaturi li jaħdmu fil-qasam tad-droga.

Tkun indirizzata wkoll il-*media* u l-pubbliku ġenerali.

Iċ-Ċentru qed jilħaq iżjed u iżjed ċittadini Ewropej bil-lingwa rispettiva tagħhom permezz ta' prodotti għolja f'diversi lingwi.

Il-prodotti kollha huma maħluqa skond immaġni ċara u korporattiva.

Pubblikazzjonijiet

Il-programm ta' pubblikazzjonijiet ta' l-EMCDDA hu wieħed mis-sorsi ewlenin fil-kisba ta' riżultati u akkwisti taċ-Ċentru. Il-pubblikazzjonijiet stampati tiegħu jieħdu l-forma ta' rapporti annwali dwar il-fenomenu tad-droga u volumi speċjalizzati xjentifiċi u b'temi speċifiċi f'erba' edizzjonijiet differenti. L-informazzjoni kollettiva toħroġ f'forma ta' bullettin kull xahrej u permezz ta' l-istruzzjonijiet dwar politika. Il-programm jipprova jilħaq bilanċ bejn prodotti stampati u dawk *online*.

Attivitajiet *online*

Is-sit ta' l-internet EMCDDA f'<http://www.emcdda.eu.int> jipprovdi aċċess għall-informazzjoni kollha prodotta mill-aġenzija. L-iskop hu li informazzjoni dwar id-droga tasal mala jr lill-udjenzi kollha ta' l-EMCDDA, bl-użu ta' l-aħħar teknoloġija. Fatturi ewlenin ta' l-attivitajiet *online* taċ-Ċentru jinkludu: rapporti annwali *online* u estiżi; pubblikazzjonijiet u materjal ta' l-istampa li jista' jitniżżel; *databases* relatati mad-droga; servizzi ta' abbonament; preżentazzjonijiet ta' programmi ta' f'idma ta' l-EMCDDA; u *links* għal organizzazzjonijiet ta' msieħba madwar id-dinja kollha.

Relazzjonijiet mal-*media*

Iż-żewġ prinċipji fundamentali tal-programm tal-*media* ta' l-aġenzija huma li jogħla l-profil ta' l-EMCDDA bħala l-punt ta' referenza Ewropea dwar id-droga u li ġurnalisti jkunu provduti b'servizz ta' informazzjoni ta' kwalità għolja. L-attivitajiet jinkludu: it-tkattir ta' relazzjonijiet sodi mal-ġurnalisti; il-provediment ta' informazzjoni aktar *media friendly*; u l-monitoraġġ ta' l-istampa. Sezzjoni ta' servizzi ta' aħbarijiet u *media* (*News and media services*) tas-sit ta' l-internet ta' l-EMCDDA toffri aċċess għall-aħħar dikjarazzjonijiet ta' l-aħbarijiet u servizzi lill-ġurnalisti.

Is-suq

L-attivitajiet ta' l-EMCDDA fiis-suq huma bbażati fuq tliet kolonni: id-djalogu mal-klijenti; attivitajiet promozzjonali; u distribuzzjoni. L-interazzjoni ma' gruppi ta' klijenti, permezz ta' inkjesti ta' riċerka tas-suq, jgħinu liċ-Ċentru jadatta prodotti għal klijent tal-klijent. Firxa wiesgħa promozzjonali — inklużi fuljetti, introduzzjoni ta' prodotti ġodda u relazzjonijiet pubbliċi — jippromwovu s-servizzi, waqt li d-distribuzzjoni mmirata lejn oqsma speċifiċi tiżgura li l-prodott it-tajjeb jasal għand il-klijent li jeħtieġu, malajr kemm jista' jkun u bl-inqas spejjeż possibbli.

Avvenimenti

L-EMCDDA jorganizza konferenzi fuq livell għoli dwar suġġetti ta' interess politiku jew relatati mal-programmi speċifiċi ta' ħidma. Dawn l-avvenimenti huma mezz prezzjuż għall-aġenzija sabiex twettaq skambju ta' opinjonijiet u esperjenza ma' nies f' pożizzjonijiet ewlenin li jaħdmu fil-qasam tad-droga u sabiex jippromwovi lilu nnfisu bħala ċentru eċċellenti.

Servizz lill-awtoritajiet nazzjonali u ta' l-UE

Heieb ewlieni ta' l-EMCDDA hu li jindirizza l-ħtiġiet ta' informazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali u ta' l-UE, partikolarment ta' dawk responsabbli għad-direttivi u l-konsulenti tagħhom. Liċ-Ċentru joħroġ l-informazzjoni dwar il-proċessi li jkunu ttieħdu b'mod proattiv u reattiv u dan permezz ta' ġabriet fil-qosor u servizzi adattati.



Teknoloġija ta' I-informatika u servizzi ta' appoġġ

Teknoloġija ta' I-informatika

Il-grupp tat-teknoloġija ta' I-informatika (IT) huwa responsabbli għall-iżvilupp u I-manutenzjoni ta' I-infrastruttura ta' I-IT ta' I-EMCDDA; għall-pariri dwar I-IT fi proġetti; u immaniġġjar ta' servizzi *online* u *databases*.

Servizzi ta' appoġġ

Il-grupp tas-servizzi ta' appoġġ hu responsabbli għal: riżorsi umani u materjali; maniġġjar finanzjarju u ta' kontabilità; ippjanar u valutazzjoni; dokumentazzjoni u arkivji.

Is-servizz ta' dokumentazzjoni jmxexxi ċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni u Informazzjoni ta' I-EMCDDA, li hi librerija speċjalizzata miftuħa għall-pubbliku u li fiha tinstab ġabra sħiħa ta' dokumentazzjoni dwar id-droga. Hemm ukoll servizz ta' informazzjoni elettronika li jissodisfa l-ħtiġiet tal-ħaddiema ta' I-EMCDDA u ta' klijenti barranin permezz ta' teknoloġiji ġodda. Dan jippermetti aċċess għall-katalgi tal-biblijoteka, għal *databases* esterni dwar id-droga u għal perjodiċi *online*.

Il-ħaddiema u I-budget

Fil-bidu tal-programm ta' ħidma 2004–2006, I-EMCDDA impjega bejn wieħed u ieħor grupp ta' 80 membru mill-pajjiżi ta' I-UE. Il-ħaddiema huma mmexxija minn Direttur Eżekuttiv propost mill-Kummissjoni Ewropea u maħtur mill-Bord Amministrattiv għal perjodu ta' ħames snin, liema perjodu jista' jiġġedded.

I-EMCDDA jirċievi fondi stabbli taħt il-*budget* ġenerali ta' I-UE. Il-*budget* ta' I-EMCDDA hu adottat mill-Bord Amministrattiv tiegħu.

Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, 2004

**Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi
(Fuljett ta' preżentazzjoni)**

Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

ISBN 92-9168-191-1

2004 — 18 pp.— 21 x 21 ċm

Rua da Cruz de Santa Apolónia 23-25, 1149-045 Lisboa, II-Portugall
Tel. (351) 218 11 30 00 • Fax (351) 218 13 17 11
info@emcdda.eu.int • <http://www.emcdda.eu.int>



Uffiċċju ta' Pubblikazzjonijiet

Publications.eu.int

ISBN 92-9168-191-1



9 789291 681914